MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 5/2011/1

**Stacey Spiteri u**
**Samir Fathy Gayed Eskander**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**<u>Il-Qorti</u>**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14

ta' Ottubru 2011 li filwaqt li laqghet l-eccezzjoni preliminari marbuta mal-ezawriment tar-rimedji ordinarji, illiberat lill-intimat mill-osservazzjoni tal-gudizzju, u a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha ghar-raguni li r-rikorrenti kellhom/ghandhom mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja ohra ghall-ksur tal-jeddijiet taghhom kif minnhom allegat. L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti in solidum.

2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* is-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fil-21 ta' Frar, 2011, li jaqra hekk:

"Illi r-rikorrenti xtaqu jizzewgu u ghalhekk talbu lill-intimat sabiex jippubblika t-tnidijiet taz-zwieg u sussegwentament izewwighom.

"Illi l-esponenti rcevew l-avviz hawn anness bhala dokument, li fih gew infurmati illi r-Registratur taz-Zwigijiet qieghed jirrifjuta li jippubblika t-tnidijiet taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress li allegatament l-esponenti ma qablux fir-risposti taghhom u ma jafux id-dettalji bazici dwar xulxin.

"Illi l-esponent Eskander huwa persuna ta' nazzjonalita' Egizzjana u ma tantx jiftiehem bil-Malti, u kien dan l-intopp li ltaqa' mieghu waqt l-intervista li seta' wassal ghar-rizultat ta' dan l-avviz.

"Illi di piu', l-esponenti kienu qed jippjanaw li jizzewgu fit-30 ta' Lulju 2010 u kienu anke qed ihejju biex jizzewgu bir-rit Kattoliku, peress li t-tnejn li huma, huma Kattolici.

"Illi l-esponenti jissottomettu li assolutament m'huwiex il-kaz illi ser jizzewgu ghall-konvenjenza, kif qed jigi indikat,

anzi ghall-kuntrarju, l-esponenti jhobbu lil xulxin u jifhmu it-tifsira taz-zwieg.

“Illi bir-rispett kollu, l-esponenti jinhabbu u huwa d-dritt fundamentali taghhom li jizzewgu flimkien u jibnu familja kif kontemplat fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li tiddikjara li l-esponenti ghandhom dritt li jizzewgu u jibnu familja, tordna lill-intimati jipprocedu bil-pubblikazzjoni tad-tnidijiet taz-zwieg u bil-proceduri l-ohra skond il-ligi sabiex ikun celebrat iz-zwieg bejniethom.

“Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa:

“Illi preliminarjament, ir-rikors promotur huwa irritu stante li r-rikorrenti lanqas biss specifikaw l-Artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea a bazi ta’ liema qed jallegaw li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom. Konsegwentement, ir-rikors promotur huwa skonformi mar-Regolament numru 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura u l-Buon Ordni fil-Qrati (SL 12.09) li jistipula illi:

““*3. (1) Rikors quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghandu jkun fih, b’mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment u ghandu jsemmi d-dispozizzjoni jew dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu gew, jew li jkunu qed jigu jew li jkunu x’aktarx ser jigu miksura.*”

“U ghal dan l-iskop l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-paragrafu numru 5 tar-Regolament numru 3 u todna lir-rikorrenti jirregolaw ruhhom.

“Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tkompli tisma’ din il-lanjanza stante li l-azzjoni odjerna hija intempestiva in kwantu r-rikorrenti ma esawrixewx ir-

rimedji ordinarji li kien jikkonsisti fil-fatt li huma kellhom ir-rimedju li jintavolaw proceduri fil-Qorti Civili Prim' Awla sabiex jitolbu li dik il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti moghtija mill-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha.

“Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent intimat jopponi t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrileva li c-cirkostanzi dedotti fir-rikors promotur ma jipprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti billi l-esponent dejjem ottempera ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fl-opinjoni tal-esponenti, dan ir-rikors huwa intiz sabiex iservi ta' appell mid-decizjoni tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha. Fil-fatt, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-esponent irrifjuta li jippubblika t-tnidijiet taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 255 peress illi mill-intervista li saret mill-ufficjali tar-Registru irrizultalhom li waqt l-intervista, ir-rikorrenti koncernati ma qablux fir-risposti taghhom u ma kinux kapaci jwiegbu ghal dettalji bazici dwar xulxin. Inoltre, iz-zewg rikorrenti wiegbu li ma kinux konxji ta' x'inhuma l-konsegwenzi ta' jekk jikkuntrattaw zwieg ta' konvenjenza, illi effettivament l-assiem tac-cirkostanzi kienu jirraprezentaw karatteristici indizjarji ta' zwieg ta' konvenjenza u ma kienx jidher li hemm relazzjoni genwina bejn il-koppja rikorrenti.

“Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:

i. “Illi jirrizulta li fil-15 ta' Gunju 2010, il-koppja rikorrenti marru r-Registru z-Zwieg biex japplikaw ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet ta' zwieg civili.

ii. “Il-koppja kienu akkumpanjati minn Hany Eskander (hu r-rikorrent Samir Eskander), minn Josette Spiteri (omm tar-rikorrenti) u minn Maria Bernarda Zarb Ibrahim.

iii. “Hany Eskander biss thalla jidhol fl-ufficju peress li beda jaghmilha ta' traduttur u informa lill-ufficjali li kien se jaghmilha ta' traduttur fid-data taz-zwieg propost.

iv. “Il-koppja rikorrenti fl-applikazzjoni ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet ghaz-zwieg civili indikaw li xtaqu jizzewgu fit-30 ta’ Lulju 2010 fit-3.30 ta’ wara nofsinhar fir-Registru taz-Zwieg stess.

v. “Illi l-ufficjali koncernati pprocessaw l-applikazzjoni peress li r-rikorrent Eskander kien qed iwiegeb tramite t-traduttur Hany Eskander.

vi. “Meta l-ufficjali tar-Registru staqsew lir-rikorrenti Stacey Spiteri liema kunjom kienet bi hsiebha tiehu fiz-zwieg hija wiegbet li definitament riedet tiehu l-kunjom tar-ragel, pero’ madanakollu ma setghetx tghidilhom x’kien dan il-kunjom.

vii. “Il-koppja ma applikawx sabiex jizzewgu bir-rit religjuz ukoll u riedu jizzewgu mill-aktar fis possibbli stante li l-VISA tar-rikorrent Eskander kienet se tiskadi fil-15 ta’ Lulju 2010.

viii. Il-koppja kienu jidhru ansjuzi u kienet ovvja li ma kinux jafu sewwa lil xuxlin u ghalhekk hija l-prassi li f’cirkostanzi suspettuzi bhal dawn odjerni, issir intervista separata lill-koppja wara li ssir l-applikazzjoni. L-ewwel l-ufficjali intervistaw lir-rikorrenti Eskander u kien hemm prezenti huh Hani Eskander li kien qed jittraducilu dak kollu li kien qed jigi mistoqsi. Qabel ma ffirma l-intervista, l-ufficjali in kwistjoni staqsewh jekk kienx fehem kollox u rrisponda fl-affermattiv u anke ffirma d-dokument li kellu specifikat id-domandi u r-risposti relattivi. Sussegwentement, giet intervistata r-rikorrenti Stacey Spiteri.

ix. “Illi mill-intervista rrizulta car li l-koppja ma kinux jafu lil xulxin sew. Fil-fatt, waqt l-intervista rrizultaw dawn id-diskrepanzi:

a. “Il-koppja rikorrenti ma kinux jafu l-kunjom ta’ xulxin;

b. “Meta mistoqsijin kemm kienu ilhom jafu lil xulxin, ir-rikorrent Eskander irrisponda 4 xhur, filwaqt li r-rikorrenti Spiteri rrispondiet forsi x-xahar li ghadda;

c. “Ma kinux jitkellmu lingwa komuni; u

d. “Iz-zewg rikorrenti ma kinux jafu x’inhuma il-konsegwenzi jekk jikkuntrattaw zwieg ta’ konvenjenza.

x. “Meta l-ufficjali spjegaw lir-rikorrenti Spiteri x’kien zwieg ta’ konvenjenza, hija dehret imbezza’ u qalet li ma riditx tidhol f’inkwiet. Qalet li kienet tkun ahjar ghaliha li kieku ma tizzewwigx.

xi. “Meta l-ufficjali eskortaw lir-rikorrenti Spiteri barra mir-Registru taz-Zwieg, ommha li kienet qed tistenna barra dehret preokkupata u staqsietna jekk bintha kinitx se tigi fl-inkwiet jekk tizzewweg.

xii. “Illi fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, l-esponent irrifjuta li jippubblika t-tnidijiet ghaz-zwieg civili u informa lill-koppja bir-ragunijiet bil-miktub, u dana ai termini tal-Artikolu 8 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

xiii. “Illi l-koppja rikorrenti oggezzjonaw ghar-rifjut tal-esponent u fid-29 ta’ Lulju 2010 intavolaw rikors (ref. 530/2010) quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-Kap. 255 u fl-14 ta’ Settembru 2010 l-istess Onorabbli Qorti ddecretat is-segwenti:

“*“Peress illi r-Registratur taz-Zwigijiet ghandu ragun jirrifjuta l-pubblikazzjoni tat-tnidijiet.*

*“Tichad it-talba minghajr pregudizzju ghar-rikorrenti li jfittxu d-drittijiet taghhom fil-kontenzjuz jekk ikun il-kaz.”*

xiv. “Illi fil-21 ta’ Ottubru 2010, il-koppja rikorrenti regghu ittentaw jintavolaw rikors iehor (ref. 708/2010) sabiex l-imsemmija Qorti taghmel rikonsiderazzjoni tad-decizjoni taghha u l-Onorabbli Qorti ddekretat is-segwenti:

"*"Peress illi ma jirrizultax cirkostanzi godda l-ghala ghandha tikkonsidra d-digriet taghha tal-14 ta' Settembru 2010.*

*"Tichad it-talba."*

"Illi in kwantu ghar-rikorrent Eskander li huwa ta' nazzjonalita' Egizjana u li allegatament skond ir-rikorrenti "*kien dan l-intopp li ilaqa mieghu waqt l-intervista*" stante li allegatament ma tantx jifhem bil-Malti mhux minnu peress li huwa stess ghazel li huh ikun l-interpretu tieghu. Inoltre, qabel ma ffirma l-intervista li kienet saritlu, l-ufficjali tar-Registru staqsewh jekk kienx fehem kollox u huwa rrisponda fl-affermattiv, apparti l-fatt li kieku t-traduzzjoni ma kinitx qed issir korrettement, l-ufficjali tar-Registru kienu jwaqqfu l-intervista u jesigu li jingieb traduttur kompetenti.

"Illi in kwantu ghal-lanjanza tar-rikorrenti li "*anke qed ihejju biex jizzewgu bir-rit Kattoliku, peress li t-tnejn li huma, huma Kattolici.*", dan certament ma jirrizultax mill-applikazzjoni ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet tar-rikorrenti, pero' lanqas li kieku jekk ir-rikorrenti jaghzlux li jizzewgu bir-rit religjuz ukoll hija irrelevanti ghall-finijiet tal-kaz odjern.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri u dan specjalment in vista tal-ewwel eccezzjoni mressqa f'din ir-risposta.

"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

"Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet fuq dawn l-eccezzjonijiet, u rat ukoll in-Nota spjegattiva li pprezentaw ir-rikorrenti fil-25 ta' Mejju 2011, fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni tal-initmat;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Ikkunsidrat;

“Illi b’dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-fatt li gie mcahhad lilhom il-permess li jizzewgu hawn Malta, peress li l-intimat hass li l-kaz kellu karatteristici indizjarji ta’ zwieg ta’ konvenjenza. Il-Qorti Civili ta’ Gurisdizzjoni Volontarja b’zewg digrieti numru 530/10 u 708/10 ma accettatx talba li saritilha sabiex tordna li jinhargu l-bandi mehtiega ghaz-zwieg. Ir-rikorrenti ressqu dawn il-proceduri, minghajr ma ttentaw jitolbu r-revoka ta’ dawk id-digrieti bil-procedura ordinarja kif tippermetti l-ligi. Dan in-nuqqas wasal lill-intimat biex fit-tieni eccezzjoni preliminari tieghu jitlob lil din il-Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha biex ma tezercitax il-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Hi din l-eccezzjoni li sejra issa tigi trattata.

“Hu principju li parti, qabel ma tirrikorri ghar-rimedju straordinarju kostituzzjonali, trid tezawrixxi r-rimedji kollha ordinarji. Il-pozizzjoni gurisprudenzjali ta’ sitwazzjoni simili giet trattata minn din il-Qorti fil-kawza “Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et”, deciza fit-30 ta’ Settembru 2010, u, fil-fatt, saru dawn l-osservazzjonijiet u reassunt tal-pozizzjoni legali fir-rigward:

“*“L-ezistenza ta’ rimedju iehor ghall-parti li tressaq azzjoni ghall-allegat ksur ta’ dritt fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha rrizulta lill-Qorti bhala* ***stat ta’ fatt attwali****, u d-diskrezzjoni tal-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel” minhabba l-ezistenza ta’ rimedju iehor hija decizjoni fuq dak l-i****stat ta’ fatt****. Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-qorti b’gurisdizzjoni bhal dik tal-lum li, bhala fatt, jezisti rimedju iehor* ***effettiv*** *lir-rikorrent, li mbaghad din il-qorti tista’ tiddeciedi li ma tezercitax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment tar-rikorrent. Fil-kaz li ma jirrizultax rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f’kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqalha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-ezercizzju tas-setgha taghha.”*

*"Id-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u tkun immirata lejn l-iskop tal-legislatur, u cioe' li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, fl-istess waqt persuna ma tinzammx milli tipprocedi b'azzjoni bhal din meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jista' jimplika l-ksur ta' jedd fondamentali. Ghalhekk din id-diskrezzjoni ghandha tkun uzata dejjem fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-qrati b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha dritt tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.*

*"Diversi kienu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn kienu traccjati l-principji li jindirizzaw il-kwistjoni jekk tassew ir-rikorrent kellux inkella le rimedju alternattiv qabel irrikorra ghall-procedura kostituzzjonali.*

*"Fost dawn il-principji, insibu –*

*(a) "L-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fondamentali. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dak il-ksur. Fl-istess waqt, m'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ikun jirrizulta li r-rimedju sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.*

*(b) "Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(c) "Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja*

*u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(d) "Ma hemm l-ebda kriterju pre-stabbilit dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, ghaliex il-kriterju rilevanti huma l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz de quo. Meta fil-konsiderazzjoni ta' dawn il-fatti u cirkostanzi, huwa accettabbli grad ta' flessibilita' min-naha wahda u formalizmu mill-inqas min-naha l-ohra. Fit-twettiq tad-diskrezzjoni li din il-Qorti ghandha skond il-ligi, ma hemm xejn assolut u lanqas awtomatizmi proprju ghaliex ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz jibqa' l-kriterju rilevanti.*

*(e) "In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jitwera li l-mezzi ma kinux tajbin biex joffru rimedju shih lir-rikorrent.*

*(f) "In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent, minhabba l-imgieba ta' haddiehor, m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(g) "L-ezercizzju minn qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lill-qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(h) "Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(i) "Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun*

*hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat.*"

"Issa, f'dan il-kaz, din il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv ghal-lanjanzi taghhom. Id-digrieti tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja jistghu jigu attakkati b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u din ghandha s-setgha tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digrieti impunjati. Din mhux xi procedura straordinarja; kienet issir fil-passat u ghadha ssir sal-lum (ara per ezempju l-kawza "Id-Direttur tar-Registru Pubbliku vs Cassar", deciza fil-21 ta' Mejju 2008). Dik hi procedura ordinarja u normali u ma kien hemm xejn li zamm lir-rikorrenti milli hekk jipprocedu. F'dawk il-proceduri, il-qorti ordinarja tkun tista' tidhol biex tezamina l-fatti tal-kaz u tqis hi jekk, fil-verita', iz-zwieg prospettat tar-rikorrenti kienx wiehed ta' konvenjenza jew le. Din il-qorti m'hix "a trial court", u l-funzjoni taghha hu biex tara li jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux li tisma' fatti u tiddeciedi favur xi parti wara analizi ta' dawk il-fatti. Dan ix-xoghol isir mill-qrati ordinarji, u hu lejn dawk il-qrati li r-rikorrenti kellhom iressqu l-aggravju taghhom. Hu car, ghalhekk, li jezistu mezzi ordinarji li kienu disponibbli biex ir-rikorrenti jiksbu rimedju ghall-ilment taghhom, u huwa biss wara li jkunu fittxu dawk il-mezzi li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

"Kif intqal drabi ohra minn din il-qorti, kawza li fiha jintalab rimedju kostituzzjonali huwa ta' imbarazz ghall-Gvern ghax ikun ifisser nuqqas tal-istess gvern li jipprovdi rimedju ghal-lanjanzi tac-cittadini tieghu. Jekk, fil-fatt, il-ligi, bl-ordinament guridiku li jkun fis-sehh, tippermetti rimedju ordinarju, allura ghandu jintuza dak ir-rimedju l-ewwel u qabel kollox.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari marbuta mal-ezawriment tar-rimedji ordinarji, tillibera lill-intimat mill-osservazzjoni tal-gudizzju, u a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 318, tiddikjara li qieghda tiddeklina milli tezercita s-setghat

taghha ghar-raguni li r-rikorrenti kellhom/ghandhom mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja ohra ghall-ksur tal-jeddijiet taghhom kif minnhom allegat.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti in solidum."

**Rikors tar-rikorrenti appellanti**

3. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha quddiem din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok tilqa' t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

4. Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma li l-Ewwel Qorti kellha ssib illi huma ghandhom dritt li jizzewgu u jibnu familja u ghalhekk kellha tordna lill-intimat jipprocedi bil-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taz-zwieg u bil-proceduri l-ohra skont il-ligi sabiex ikun celebrat iz-zwieg bejniethom.

**Risposta tal-Appell tal-intimati**

5. L-intimat appellat pprezenta r-risposta tieghu li in forza taghha talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Fatti fil-Qosor**

6. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom. Tippuntwalizza biss li dak li ta lok ghal din il-kawza kien li r-rikorrenti gew informati illi r-Registratur taz-Zwigijiet qieghed jirrifjuta li jippubblika t-tnidijiet taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress li allegatament huma ma qablux fir-risposti taghhom u ma jafux id-dettalji bazici dwar xulxin.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. L-Ewwel Qorti ddecidiet li f'dan il-kaz kien car li jezistu mezzi ordinarji li kienu disponibbli biex ir-rikorrenti jiksbu rimedju ghall-ilment taghhom. Huwa biss wara li huma jkunu fittxu dawk il-mezzi li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

8. L-Ewwel Qorti qalet li r-rimedju li r-rikorrenti kellhom kien li jattakkaw b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, id-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Il-Prim' Awla ghandha s-setgha tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digrieti impunjati. Din m'hijiex xi procedura straordinarja; kienet issir fil-passat u ghadha ssir sal-lum (ara per ezempju l-kawza "Id- Direttur tar-Registru Pubbliku v. Cassar", deciza fil-21 ta' Mejju 2008).

9. Illi kif osserva tajjeb l-appellat fir-risposta ghall-appell tar-rikorrenti l-aggravju tar-rikorrenti huwa bazat esklussivament fuq il-mertu tar-rikors promotur sabiex l-appellat jigi ordnat li jippublika t-tnidijiet taz-zwieg u mhux fuq l-eccezzjoni preliminari li ddecidiet l-ewwel Qorti li r-rikorrenti ma kinux ezawrew ir-rimedju ordinarju. In fatti l-mertu tar-rikors promotur ma giex effettivament trattat u deciz mill-Ewwel Qorti. Ir-rikorrenti kull ma ghamlu kien li kwazi rriproducew il-kontenut tar-rikors promotur u ma indikawx ghaliex fil-fehma taghhom l-Ewwel Qorti ma kellhiex tezercita d-diskrezzjoni taghha.

10. Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u li anke l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghalihom. Dan l-insenjament gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tetyak v. Direttur tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs***.

11. Fost ohrajn insibu dawn:

L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta’ fatt attwali u objettiv;

Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;

Biex ir-rimedju jitqies effettiv m’hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista’ jigi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaci;

Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta’ indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b’kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;

In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent;

Izda meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali,

12. Fil-kaz in ezami l-appellat kien eccepixxa li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji billi setghu ntavolaw proceduri fil-Qorti Civili Prim’ Awla sabiex jitolbu li dik il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti moghtija mill-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha.

13. Fil-fatt l-Ewwel Qorti kienet qablet ma’ l-appellat li fil-fatt kien jezisti rimedju ordinarju u effettivament wara li qalet li dik il-procedura m’hijiex xi wahda straordinarja imma kienet issir fil-passat u ghadha ssir sal-lum irreferiet

ghal kaz partikolari recenti fejn fuq sitwazzjoni simili saret kawza da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn talab lil Prim' Awla fost affarijiet ohra li dik il-Qorti thassar u tirrevoka *contrario imperio* digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja ..li permezz tieghu kienet laqghet it-talba tal-intimata biex tordnalu johrog it-tnidijiet ghaz-zwieg taghha "skont il-ligi"[1].

14. Illi fil-kaz in ezami r-rikorrenti setghu ghamlu talba simili biex il-Qorti thassar u tirrevoka z-zewg digrieti tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja), haga li huma ma ghamlux u rrikorrew minflok mill-ewwel quddiem il-Qorti ta' indoli Kostituzzjonali.

15. Illi dak ir-rimedju kien wiehed li seta' jigi segwit b'mod prattiku u jekk il-Prim' Awla kienet tilqa' t-talba tar-rikorrenti r-rimedju kien ikun wiehed effettiv u effikaci u ma kienx ikun hemm ebda lamentela dwar ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti billi jkunu nghataw rimedju.

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha korrettement u ma ssibx raguni ghaliex ghandha tiddisturba dik id-decizjoni.

**<u>Decide</u>**

17. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Citaz 202/2007 deciz 21/5/2008. Direttur tar-Registru Pubbliku v. X.